MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 3214/1996/1

R. von Brockdorff Insurance Agency Limited, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha CPS Company Limited u b'nota tal-10 ta' Marzu 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta' estera Commercial Union Assurance Company plc assumiet l-atti tal-kawza minflokk is-socjeta' R von Brockdorff Insurance Agency Limited

Vs

Falcotrans Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Parteno Group Srl.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Novembru 1996 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta li s-socjeta' CPS Company Limited importat mill-Olanda u mill-Italia kwantita ta' frott u hxejjex (Dok A u B) li gew trasportati lejn Malta permezz ta' frigo trailer appartenenti

lis-socjeta' estera Parteno Group Slr; illi wara l-wasla tieghu f'Malta fl-1 ta' Awissu 1995 il-frigo Trailer bil-kontenut ta' go fih ittiehed f'mahzen li s-socjeta' importatrici ghandha f'Haz-Zebbug fejn beda l-hatt tal-merkanzija fil-presenza ta' ufficjali tad-dwana - waqt dan ix-xoghol sar uzu mil-palletiser; illi minhabba problemi fil-provvista ta' l-elettriku ghal cold stores, is-socjeta' konvenuta, wara rikjesta tal-importatur, halliet il-frigo trailer ghad-disposizzjoni tal-importatur biex jkollu aktar hin ghal hatt tal-prodott importat; illi waqt li l-frigo trailer kien ghadu fil-mahzen l-istess frigo trailer ha in-nar bil-konsegwenza illi l-parti l-kbira mill-merkanzija importata li kienet ghadha ma gietx skarikata inqerdet ghal kollox, il-palletiser li kien qed jintuza fix-xoghol tal-hatt u li meta qabad in-nar kien fit-trailer safa' danneggjat irreparabilment filwaqt li l-istess mahzen garrab il-hsara; illi l-importatur kellu kopertura assikurattiva permezz ta' polza ta' assikurazzjoni tat-tip "*fire and special perils*" mas-socjeta' attrici li minn naha taghha ghall-hsarat u danni li garrab l-importatur hallset, kif obbligata, is-somma ta' tleita u ghoxrin elf wiehed u sittin lira u disghin centezimu (LM21,061.90) u giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur; illi l-frigo trailer mahruq gie spezzjonat bir-reqqa mill-Ingineer Paul Cardona fil-presenza ta' rappresentanti tal-partijiet kollha interessati u rrilaxxa rapport datat 10 ta' Dicembru 1995; illi s-socjeta' estera Paterno Group Srl hija responsabbli ghal hsara u konsegwenzjali danni, biss interpellata ufficjalment cahdet kull responsabbilita'; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-hsara fuq riferita u ghad-danni konsegwenzjali;
2. tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf wiehed u sittin lira disghin centezimu (LM21,061.90) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta' attrici, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' April 1996 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din l-imsemmija ittra ufficjali, kontra s-socjeta' konvenuta noe li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta nomine presentata fl-20 ta' Gunju 1997 li permezz taghha din eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok is-socjeta' eccipjenti qatt ma kienet agenti lokali tas-socjeta' estera Parteno Group Srl, izda semplicement bhala konsenjatarju tal-kariku liema kien effettivament destinat lis-CPS Company Limited, li maghha s-socjeta' eccipjenti agixxiet bhala 'commission agent'. Is-socjeta' eccipjenti ma ghandha l-ebda fondi ta' Paterno.
2. Bla pregudizzju t-talba attrici hija ukoll insostenibbli inkwanut l-mercja kienet kollha skarikata minn fuq it-trailer tant li s-socjeta' CPS Company Limited kienet iffirmata d-dokument relattiv tac-CMR indikanti l-fatt tal-iskarikar.
3. F'kull kaz is-socjeta' eccipjenti ma hijiex responsabbli la ghas-sinistru u lanqas ghad-danni reklamati u dan kemm fattwalment kif ukoll legalment.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' Lulju 1997 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-31 ta' Ottubru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru 1997 meta giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u wara li rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenut f'dan ir-rigward.

Ittrattat din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri s-socjeta' Falcotrans Limited qed tigi mharka bhala agenti tas-socjeta' estera Parteno Group Srl in konnessjoni ma danni rizultanti fi proprjeta' ta' socjeta assikurata mas-socjeta' attrici bhal konsegwenza ta' hruq go Frigo Trailer tal-istess socjeta' konvenuta. Is-socjeta' Falcotrans Limited qed teccepixxi li hija qatt ma kienet agenti lokali tas-socjeta' estera Parteno Group srl izda semplicement bhala konsenjatarja tal-kariku liema kariku kien effettivament destinat lis-CPS Company Limited, li maghha s-socjeta' eccipjenti agixxiet bhala 'commission agent'.

L-agent tal-kummerc jew 'commission agent' hu dak li "hu inkarigat fil-fiss u persunalment minn ditta wahda jew izjed ta' barra sabiex imexxielhom l-affarijiet taghhom f'Malta u jibghatilhom l-ordnijiet ghal-accettazzjoni". Dan skond l-artikolu 70 tal-Kap 13.

Is-sitwazzjoni tas-socjeta' Falcotrans f'din il-kwistjoni ma tantx tista' tinkwadra fid-definizzjoni fuq imsemmija billi s-socjeta' CPS Limited li taghha qed jigi allegat din agixxiet bhala "commission agent" hija socjeta' maltija u mhux estera, kif rikjest fl-imsemmija fl-artikolu fuq citat. Inoltre s-socjeta' Falcotrans bl-ebda mod ma setghet tmexxi l-affarijiet tas-socjeta' CPS Limited hawn Malta billi dan seta' jsir mill-istess socjtea' CPS u fi kwalunkwe kaz in-negozju tas-CPS Company Limited u dak ta' Falcotrans kien kompletament distint.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' CPS Company Ltd f'Lulju 1995 kienet ser timporta lejn Malta kwantita' ta' hxejjex u frott mill-Olanda u mill-Italia (Modena). Biex taghmel hekk din kellha bzonn tirranga ghat-trasport tal-istess mercja gewwa Frigo Trailer sabiex l-mercja tibqa' friska tul it-tragit. Kien ghalhekk li, bhas-soltu, s-socjeta' CPS avvicinat lis-socjeta' Falcotrans biex taghmillha l-arrangamenti biex tingieb l-merkanzija Malta. Is-socjeta' konvenuta ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u sabet li l-htigea tas-socjeta' CPS Company Ltd setghet tigi sodisfatta mis-socjeta' ta' trasporti taljana bl-isem Parteno Group li kkwotat il-prezz ta' US$4,100 biex twassal l-

merkanzija mil Olanda sa Malta gewwa Frigo Trailer. Dan il-prezz gie accettat u sussegwentement imhallas in toto lis-socjeta' Parteno Group. (Ara Dok B a fol 106 u Dok E u F a fol 112 u 113 tal-process).

Ma ingiebet ebda prova li s-socjeta' konvenuta kellha xi arrangamenti specjali mas-socjeta' Parteno Group biex tirrapresenta l-istess grupp hawn Malta. Dan anzi gie kategorikament michuda mis-socjeta' Falcotrans, li inoltre sostniet li din kienet l-ewwel darba li qatt avvicinat lill-istess Parteno Group minhabba r-rikjesta tas-socjeta' CPS Company Ltd.

Dan kien ghalhekk semplici kuntratt ta' trasport ta' merkanzija "haulage" li s-socjeta' Parteno Group giet imqabda li taghmel ghas-socjeta' CPS Company Limited tramite s-socjeta' Falcotrans Limited billi din tigi nkarigata ghalhekk minhabba l-esperjenza u l-kuntatti taghha f'dan il-kamp.

Dan l-arrangament ma jammontax u qatt ma jista' jikkonferixxi rappresentanza guridika ta' socjeta' estera f'socjeta' maltija billi jonqos il-kunsens ghal tali rabta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tordna li s-socjeta' Falcotrans Limited tinhareg mill-kawza billi din ma tirrapresentax lis-socjeta' Parteno Group Srl.

L-ispejjes ta' dan l-incident izda ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta' Falcotrans Limited billi din zvijat lis-socjeta' attrici fl-ittra ufficjali responsiva taghha tas-17 ta' April 1996 a fol. 96 tal-process.

Kawza tibqa' differnita sabiex jigu legittimati l-atti ghas-seduta tal

Onor Imhallef Albert J. Magri